# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.2

**Kap8: Kulħadd għandu postu**

**Lezzjoni 8.2: Hu għadu jmexxina**

**L-għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jitgħallmu min huma l-membri kollha tal-Knisja speċjalment dawk fil-parroċċa tagħhom.
2. Jelenkaw ix-xogħol differenti li jagħmlu l-membri għall-ġid tal-parroċċa.
3. Janalizzaw kif fil-parroċċa kull xogħol hu imporatanti.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Karta ta' taħriġ 8.2 – mill-Ktieb



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Ibda din il-lezzjoni billi tistaqsi: X'tgħallimna fl-aħħar lezzjoni, dik tar-Ragħaj it-Tajjeb?
- Staqsi: U min hu r-ragħaj li jmexxi lilna l-Insara? (Il-Papa)
- Kompli staqsi: U hawn Malta, min hu r-ragħaj tagħna? (L-isqof)
- Staqi: Imma dan, jista' jagħmel kollox waħdu?

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Stiedn lit-tfal biex flimkien jaraw min huma n-nies li jmexxu fil-parroċċi tagħna u anke min huma l-membri kollha tal-knisja.
2. Elenka x-xogħol differenti li jagħmlu dawn in-nies għall-ġid tal-parroċċa.
3. Il-membri fil-parroċċa: il-kappillan, il-qassisin, il-katekisti, is-sagristan, il-lajċi u l-lajċi mpenjati, il-membri tal-kor, xi sorijiet jew patrijiet fil-komunità.



4. Staqsi u ddiskuti x-xogħol ta' dawn fil-parroċċi..
5. Stieden lit-tfal jiftħu l-ktieb tal-Attivitajiet 8.2.
   Spjega s-silta mogħtija u għaddi għal Attività 1. Fuq bażi ta' klassi ddiskuti din l-Attività u imla skont l-istampa.
6. Għaddi għal Attività 2 u rrevedi dak li jkun ġie diskuss fil-lezzjoni fejn jidħlu dawn in-nies li hemm f'din l-attività.
7. Introduċi Attività 3 u oħroġ il-punt li għalkemm Ġesù jinsab kullimkien imma bħala Ġesù ħaj jinsab fil-knisja li hija l-post propju tiegħu.
8. Għin lit-tfal jiktbu t-talba tagħhom. Agħlaq b'xi waħda minnhom.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Aħna lkoll nistgħu nagħtu sehmna fil-parroċċa b'xi mod jew ieħor għax b'hekk inkunu qed naħdmu fl-għalqa tal-Mulej.
2. F'kull parroċċa nsibu knisja tal-ġebel u din tkun immexxija minn Kappillan u mis-saċerdoti.
3. Id-dar ta' Ġesù hija l-knisja.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jirrispettaw lil kull min imexxi f'isem Ġesù u jagħtu sehemhom kif jistgħu – billi jmorru jitgħallmu, jkunu membri fil-kor, jew bħala abbatini.



## Nitolbu

Mulej Ġesù, nitolbok tieħu ħsieb lil kull min qed jaħdem u jmexxi f'ismek. Għinni ħalli jien ukoll nara kif nista' nagħti sehmi u ngħin fl-għalqa tiegħek.

